MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2013

Numru. 929/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Joseph Coleiro**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Coleiro detentur tal-karta tal-identita` numru 121665 (M).

Akkuzat talli:
Nhar il-31 ta’ Lulju, 2011 ghall-habta ta’ bejn it-3:00hrs u 4:30hrs, gewwa Triq Villabate, Zabbar bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta’ flus ta’ sigurta kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggejt, xerridt ‘l hawn u ‘l hemm jew qarraq b’xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu u dan skont l-artikolu 295 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan skont l-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JOW666 tal-ghamla BMW316 Compact b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JOW666 tal-ghamla BMW316 Compact involontarjament ikkaguna hsara, fi crash barriers  u central strip ghad-dannu tad-Dipartiment tat-Toroq u/jew persuna/I jew entitajiet ohra.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imptuat fejn irregista ammissjoni ghat-tieni u raba' akkuza biss, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, filwaqt li wiegeb li mhuwiex hati tal-akkuzi l-ohra;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, stqarrija;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 17, 110(2) u 328(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Joseph Coleiro hati biss tat-tieni u r-raba' akkuzi kif dedotti kontrih, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qed tikkundannah ghal hames (5) prigunerija sospizi ghal sena (1) filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra stante li ma gewx ippruvati.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------